**Fl-ewwel anniversarju tiegħek**

Għażiża ommi f'dan għeluq sninek
Meta int m'għadekx aktar hawn magħna,
Fost demgħa u oħra nixtieq ngħidlek:
"Inti tibqa' dejjem l-għaxqa tagħna".

Ngħidlek dan għax dad-diskors qalhulek
Diġà fil-glorja tal-Ġenna l-Mulej,
Int li għext għalih f'kull ċirkustanza
Waqt li ż-żmien minn fuqek kemm kien għaddej.

Illum f'dal-jum sabiħ t'għeluq snienek
Qalbi mimlija b'ħafna tifkiriet,
Sena ilu għamilnielek festa
Quddiesa, festin w xi ħlew ta' ġrajjiet.

Imma dis-sena, għall-ewwel darba,
Magħna mintix għax mort f'post 'il bogħod,
Li kelli nikri l-aqwa ajruplan
Jew navetta li bil-giri tirtogħod.

Xorta mhux ha nilħqek u nibqa' b'xejn
L-aħjar li noqgħod kwiet u nistħajjel,
Li inti qiegħdha ħdejja tkellimni
B'dik il-ħlewwa ta' meta kont tfajjel.

Imma llum qed inħossok tgħaddili
Messaġġ tassew importanti w meħtieġ,
Qed tgħidli: "Apprezza l-mument t'issa
Ħalli wara ma tkunx f'biki u lfieq.

Alla żgur li mhux se jħallik waħdek
Nies li jħobbuk se jibgħatlek f'kull żmien,
Meta tħoss l-imħabba ħelwa tagħhom
Tinsiex li min talab għalik hu jien".

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen